

31982L0806

1.12.1982

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 339/55

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL****tat-22 ta' Novembru 1982**

**li temenda, għat tieni darba (il-benzina), id-Direttiva 76/769/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi**

(82/806/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Billi l-iffissar ta' limitu massimu tal-konċentrazzjoni tal-benzina fl-istat ħieles jgħin sabiex dawn ir-riskji jiġu esklużi;

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>;

Billi f'ċerti Stati Membri l-benzina hija rregolata b'regoli; billi dawn ir-regoli ma jaqblux ma' xulxin dwar il-kondizzjonijiet tal-marketing u l-użu tagħha; billi dawn id-differenzi jikkostitwixxu xkiel għall-kummerċ u jaffettwaw direttament l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq komuni;

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>;

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(3)</sup>,

Billi, sabiex jitneħħew dawn id-differenzi, l-Anness mad-Direttiva 76/769/KEE <sup>(4)</sup>, kif l-aħħar emendat bid-Direttiva 79/663/KEE <sup>(5)</sup>, għandu jiġi ssupplimentat;

Billi l-benzina hija rikonoxxuta bħala mill-iktar tossika u kapaċi li taffettwa s-sistema ċentrali nervuża u dik ermatopojetika u li tikkaġuna l-kanċer u b'mod partikolari il-lewċemja;

Billi l-benzina hija wżata fost ħwejjeġ oħra bħala kostitwent fil-fabbrikazzjoni ta' ċerti ġugarelli, li jagħmluha possibbli għat-tfal illi jassorbu l-benzina man-nifs, bl-inġestjoni jew mill-ġilda, u b'hekk tesponihom għar-riskji msemmija hawn fuq;

Billi l-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv dwar it-Tossiċità u l-Eko-Tossiċità tal-Komposti Kimiċi ta opinjoni dwar dan il-punt,

<sup>(1)</sup> ĠU C 285, ta' l-4.11.1981, p.2.

<sup>(2)</sup> ĠU C 346, tal-31.12.1980, p. 95.

<sup>(3)</sup> ĠU C 353, tal-31.12.1980, p. 31.

<sup>(4)</sup> ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 201.

<sup>(5)</sup> ĠU L 197, tat-3.8.1979, p. 37.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*L-Artikolu 1*

L-iskrizzjoni li ġejja hija hawnhekk miżjuda ma' l-Anness mad-Direttiva 76/769/KEE:

“5. Il-Benżina

Nru tas-SAK (in-Numru tas- Servizz  
ta' l-Astratt tal-Kimika) 71-43-2

Mhix permessa fil-ġugarelli jew il-partijiet tal-ġugarelli  
fis-suq fejn il-konċentrazzjoni tal-benzina fl-istat hie-  
les taqbeż il-5 mg/kg tal-piż tal-ġugarell jew ta' parti  
mill-ġugarell.”

*L-Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien 12-il  
xahar min-notifika tagħha. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

*L-Artikolu 3*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Novembru 1982.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

U. ELLEMANN-JENSEN

---